MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Numru. 35/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
JESMOND (JOSEPH MARY) ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond (Joseph Mary Zammit), ta' 39 sena, bin Vincent u Magdalene nee' Zammit, imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju 1963, u residenti f'Numru 76, Atocia Street, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 281763(M), u akkuzat talli fl-24 ta' Marzu 2002, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' filghaxija (2.15pm), volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' fil-hanut Liberty Bar, li jinsab fi Triq Hal Qormi, il-Hamrun, propjeta' ta' Joseph Magri, liema hsara tammonta ghal hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm545), u dan bi ksur tal-Artiklu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Marie Louise sive Marisa Refalo, u dan bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 t'Ottubru 1998, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur tal-Artikli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex minbarra li tapplika l-piena ta' htija, tapplika wkoll l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti, ghajr ghall-kwantu tal-hsarat li l-imputat isostni ma' jeccedux il-mitejn Lira Maltin (Lm200).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi gala darba giet registrata ammissjoni tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra l-imputat, ghajr ghall-kwantu tal-hsarat ikkagunati minnu, il-Qorti sejra tindirizza biss din il-materja.

Illi l-Qorti, ghaldaqtant, rat id-dokumenti E1-E7, u rat il-konferma ta' dan kollu kemm mix-xhieda ta' Mary Louise Refalo (ara fol 35-39), il-konferma mix-xhud Saviour Pace ghad-ditta 'VJ Salamone' dwar il-konferma ta' CE1 u CE2, u Stephen Ritchie mill-hanut 'The Phone Shop' ghar-rigward ta' konferma ta' dokument CE3.

Illi di piu', il-Qorti rat dokument C, a fol 40 tal-process, u cioe' sentenza li tirrigwarda l-kwantum tad-danni sofferti fl-incident de quo, li jammontaw ghal hames mija u tnejn u tletin lira u disgha u sebghin centezmu (Lm532.79).

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara illi l-hsarat rizultanti mill-incident meritu tal-akkuza huwa ta' tali ammont indikat. Illi ghar-rigward ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, u l-fatt illi l-imputat huwa 'an alcoholic', u li fil-mori tal-kawza, dahal fi programm ghal rijabilitazzjoni kontra l-alcohol fi hdan l-Agenzija Sedqa, fejn jidher illi l-imputat kien qieghed isegwih b'certu serjeta'.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza b'dana li l-ammont tal-hsara huwa ta' hames mija u tnejn u tletin lira u disgha u sebghin centezmu (Lm532.79), hati tat-tieni u t-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikli 325(b), 221, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikli 5 u 7 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' 'probation' taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services, jew 'probation officer' iehor minnu nnominat ghal perjodu ta' sentejn.

In oltre, ai termini tal-Artiklu 7(5)(a) tal-Kap 446, u tqieghu taht 'treatment order', u cioe' sabiex huwa jikkompleta sal-finalita' tieghu l-programm ta' rijabilitazzjoni kontra x-xorb alkoholiku illi huwa beda fi hdan l-Agenzija Sedqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------